**76. Il-Kap tal-Oppożizzjoni jipproponi:**

Din il-Kamra

TINNOTA li l-Planning and Priorities Coordination Division fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru approva l-proġett tal-Fondazzjoni tal-Kon-Kattidral ta' San Ġwann għall-iżvilupp taħt l-art ta' estensjoni tal-Mużew tal-Kattidral ta' San Ġwann fil-Belt Valletta, liema proġett huwa mifhum li ġie stmat li jiswa madwar €16-il miljun, u li madwar €14-il miljun minnhom se jiġu ffinanzjati minn fondi tal-Unjoni Ewropea allokati għal Malta, liema allokazzjoni hija waħda maġġuri.

TINNOTA li l-preżenza tar-Rappreżentant Permanenti ta' Malta għall-Unjoni Ewropea, Richard Cachia Caruana, bħala wieħed mill-membri nominati mill-Gvern fuq il-Fondazzjoni tal-Kon-Kattidral, liema preżenza - fid-dawl tan-nuqqas ta' indikazzjoni ċara ta' x'inhuma l-prijoritajiet tal-Gvern għall-użu ta' fondi tal-UE - toħloq konflitt ta' interess.

TINNOTA wkoll l-oġġezzjoni għal dan il-proġett tal-għaqdiet volontarji li jaħdmu favur il-wirt storiku, kulturali u ambjentali ta' pajjiżna, fost oħrajn minħabba li x-xogħlijiet ta' tħaffir u l-bini taħt l-art tal-estensjoni tal-Mużew jistgħu jkunu ta' ħsara lill-istess Kattidral u lis-sistema ta' strutturi li jinsabu taħt l-art fil-Belt Valletta.

TAQBEL li hemm ħtieġa ta' spazji adegwati fi ħdan il-Belt Valletta fejn jiġu esebiti b'mod xieraq dawk il-kollezzjonijiet tal-Mużew tal-Kon-Kattidral ta' San Ġwann li għalihom m'hemmx biżżejjed post f'dan il-Mużew.

TQIS li r-restawr u l-użu ta' palazzi oħra fil-Belt Valletta biex fihom jiġu esebiti t-teżori kulturali, artistiċi u storiċi li bħalissa qed jingħad li m'hemmx spazju adegwat għalihom fil-Mużew tal-Kon-Kattidral, hija soluzzjoni aħjar, u dan fid-dawl tal-ħtieġa ta' pjan komprensiv għar-riġenerazzjoni tal-Belt Kapitali li minnha jibbenefika t-territorju kollu tal-Belt.

TQIS ukoll li s-soluzzjoni hawn proposta tmur id f'id mal-bżonn urġenti ta' konservazzjoni u restawr tal-Forti Sant'Iermu li jinsab f'periklu li partijiet minnu jiġġarrfu u jintilfu għal dejjem, liema konservazzjoni u restawr jeħtieġu fondi konsiderevoli.

GĦALDAQSTANT din il-Kamra TITLOB li l-Gvern jintervjeni immedjatament biex jirrevoka l-appoġġ tiegħu lill-imsemmi proġett kif preżentat, u minflok jippromwovi l-għażla ta' bini jew binjiet oħra fil-Belt Valletta biex jiġu restawrati għall-iskop ta' estensjoni jew estensjonijiet tal-Mużew tal-Kon-Kattidral, u dan fil-kwadru ta' pjan komprensiv u organiku għar-riġenerazzjoni tal-Belt Valletta, imfassal skond l-aħjar prattiċi internazzjonali, u skond kriterji ta' prijorità ċari u razzjonali.

TITLOB ukoll li l-Gvern jibda minnufih proċess ta' konsultazzjoni wiesa' dwar il-prijoritajiet għall-użu ta' fondi tal-UE, bil-għan li kemm jista' jkun jintlaħaq kunsens nazzjonali, ġewwa u barra l-Parlament, u dan fid-dawl tal-fatt li dwar proġetti li l-implimentazzjoni tagħhom tirrekjedi żgur żmien itwal minn leġislatura waħda jkun hemm kontinwità ta' fehmiet li jkunu 'il fuq mill-politika partiġġjana.

24.01.09